MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 188/2013

**A B**

**Vs**

**C B u b'digriet tal-21 ta' Lulju 2014 l-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u il-PL Peter Sammut gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti konjugi B ikkontrattaw iz-zwieg fis-6 ta' April 1983 u miz-zwieg ma kellhomx tfal ;
2. Illi l-imsemmija konjugi B kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni, b'att ippubblikat minn Nutar Dottor Marco Burlo fis-6 ta' Lulju 1999 (Dokument ST 1) ;
3. Illi ghalhekk l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena ;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti ;
5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni m'huwiex mehtiega li ssir medjazzjoni bejniethom ;

Talbet a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha iddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' April, 2013;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors taghha bil-gurament;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta’ Lulju 1999;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------